MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 149/2008

**Ahmed Sherfid**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Fic-certifikat tat-twelid ta` l-attur li jgib in-numru ta` iskrizzjoni wiehed, tmienja, tnejn, tlieta zbarra wiehed, disgha, disgha, sitta (1823/1996), hawn anness u markat ‘Dok. A’ jezisti zball fil-kolonna intestata ‘Isem il-wild’, fis-sens illi l-isem AHMED kellu jigi indikat bhala TWANNY.

2. Fil-fatt ic-certifikat tal-maghmudija ta` l-attur, hawn anness u markat Dok. B, l-isem moghti lill-attur fil-

maghmudija tieghu kien TWANNY u mhux AHMED kif erronjement indikat f`Dok. A.

3. Sa mit-twelid tieghu, l-attur dejjem u konsistentement kien maghruf minn kulhadd bhala TWANNY u mhux AHMED u dak kif se jigi pruvat fil-kors tal-kawza.

4. L-isem erronjement indikat huwa ta` pregudizzju kbir ghall-istess attur, apparti l-inkonvenjent kbir illi johloqlu.

Talab lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid ta` Ahmed Sherfid bin-numru ta` iskrizzjoni wiehed, tmienja, tnejn, tlieta zbarra wiehed, disgha, disgha, sitta (1823/1996), fis-sens illi fil-kolonna intestata ‘Isem il-Wild’, l-isem moghti lill-attur ikun TWANNY u mhux AHMED, u li l-bdil effettiv jigi rifless f`kull att ta` stat civili iehor ta` l-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta.

1. Preliminarjament l-esponent jirrileva li jirrizulta li l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 1823 tas-sena 1996 huwa redatt fuq ic-certifikat originali li hu registrat f`Tripoli, Libya u ghalhekk din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tordna korrezzjoni fuq certifikat registrat f`gurisdizzjoni straniera.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ic-certifikat originali li hu registrat fi Tripoli, Libya jigi debitament korrett, l-esponent ikun f`posizzjoni li jeffettwa l-korrezzjoni mitluba fl-Att tat-Twelid irregistrat hawn Malta.

3. Ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. L-esponent jirrileva li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-esponent li m`ghandux ibati l-ispejjez ta` l-istanti stante li l-Att tat-Twelid Malti jirrifletti fedelment id-dettalji specifikati fuq ic-certifikat Libyan.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu l-esponent x`jecepixxi ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Il-fatti f`din il-kawza huma cari. L-attur twieled il-Libja fl-20 ta` Settembru, 1979. It-twelid tieghu gie registrat f`Malta fl-1996. Fic-certifikat tat-twelid originali registrat fi Tripoli, Libya, huwa nghata l-isem ta` Ahmed. Fil-fatt, pero`, jirrizulta mid-diversi xhieda ta` qraba u hbieb, illi, minn meta ngab lura Malta minn ommu, u dan meta kien ta` eta` tenera, l-istess attur kien dejjem maghruf bhala Twanny. Fil-fatt, kien l-isem Twanny li nghata fil-maghmudija. Ma jidhirx li hemm ebda dubbju li l-attur dejjem uza l-isem Twanny, partikolarment kemm ilu jghix Malta.

Il-problema jiffaccja meta wiehed jesplora l-possibilita` li c-certifikat tat-twelid tieghu jibda` juri l-istat ta` fatt li qed jghix realment l-attur. Ic-certifikat tat-twelid tieghu registrat hawn Malta fir-registru pubbliku bin-Nru 1823 tal-1996 huwa traduzzjoni tac-certifikat tat-twelid originali registrat fi Tripoli, Libya meta twieled. Anki mad-daqqa t`ghajn, wiehed jinnota li mhux certifikat originali Malti. Huwa nieqes mill-hafna dettalji li normalment ikunu nkluzi f`certifikat tat-twelid Malti.

F`dawn ic-cirkostanzi id-Direttur tar-Registru Pubbliku jeccepixxi n-nuqqas ta` kompetenza ta` din il-Qorti. Huwa principju stabbilit tad-dritt internazzjonali li f`materja ta`

registru ta` stat civili ghandhom gurisdizzjoni biss il-Qrati tal-istat li fih jinzammu r-registri, u ghalhekk din il-Qorti ma jista` qatt ikollha gurisdizzjoni fuq registru mizmum f`pajjiz barrani.

Madanakollu din il-Qorti tifhem ukoll li l-istat Malti ghandu nteress li r-registri minnu mizmuma juru realta`. L-interess tat-terz f`dan il-kuntest jassumi importanza kbira.

Kif kellha okkazzjoni tinnota din il-Qorti stess fil-kawza Spiteri Bailey vs Direttur tar-Registru Pubbliku (13 ta` Lulju, 2007).

*"Fil-materja ta` bdil f`atti ta` stat civili l-interess ta` terzi huwa konsiderazzjoni essenzjali u huwa l-isfond li fih jigu konsidrati x-xewqat individwali"*.

Il-Qorti tal-Appell, fil-kawza John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku (2 ta` Marzu, 1994).

*".. L-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa proprju l-interess ta` dawn it-terzi u cioe` tal-pubbliku",* kif ukoll, *"Dan hu fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cioe` li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattaw ma`certu ndividwu jkunu f`posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b`mod kemm jista` jkun komplet".*

Fil-kaz in ezami, ghalkemm il-Qorti tenfasizza li m`ghandha ebda gurisdizzjoni tordna tibdil fl-isem tar-rikorrenti, xorta wahda ghandha tipprotegi lit-terz u taghmel tali sabiex l-isem li fil-fatt huwa maghruf bih ir-rikorrenti ma jibqax ufficcjalment mistur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fil-waqt li tichad it-talba kif dedotta, tordna li fl-istess certifikat tat-twelid Nru. 1823/96 issir annotazzjoni fis-sens illi r-rikorrenti huwa maghruf bl-isem ta` Twanny.

Peress illi ma tirrizulta ebda htija tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------